MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2175/2003

**Marcia Pisani**

**vs**
**Bartolomeo Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn tmienja u erbghin lira Maltija u sitta u tmenin centemzu (Lm248.86) rapprezentanti hsarat imgarrba mill-vettura ta' l-attrici bin-numru tar-registrazzjoni FAW 601 tat-tip Subaru, meta l-konvenut illegalment u abusivament qabad u caqlaq il-vettura taghha minn fejn kienet ipparkjata u cioe' f'Dingli Street, Sliema u kkagunalha dawn il-hsarat nhar it-3 ta' Gunu, 2003.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 20 ta' Settembru, 2003.**

**Ra illi r-risposta ghalkemm gie dikjarat fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2003 li kienet giet prezentata risposta, din ma dahlitx fil-process, u wara li t-Tribunal ordna komunika lid-Direttur Generali tal-Qorti ta' Malta fis-16 ta' Dicembru, 2003, gie rrilevat b'nota datata 13 ta' Jannar, 2004 mibghuta minn Kevin Mahoney Direttur u Registratur tal-Qorti, illi mir-ricerki li saru rrizulta illi ma kien hemm l-ebda risposta fl-ismijiet imsemmija li giet ipprezentata fir-Registru.**

**Sema' x-xhieda ta' Marcia Pisani, Bartolomeo Micallef, Doris Formosa, Louis Sajeba, Warden 099 Mario Galea, Warden 053 Miriam Aquilina u Orlando Aquilina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan l-incident jirrigwarda hsara illi allegatament grat mill-konvenut fuq il-vettura ta' l-attrici numru FAW 601, meta l-konvenut allegatament, abusivament caqlaq din il-vettura f'Dingli Street, Sliema fit-3 ta' Gunju, 2003.**

**2. Doris Formosa xhud indipendenti li kienet ghaddejja minn hemm hekk, xehdet illi rat il-haddiema jispustjaw il-karozza ta' l-attrici, u dawn hargu katina u ppruvaw jirmunkawha, sakemm gabuha fuq iz-zebra crossing.**

**3. Li l-vettura ta' l-attrici minn post fejn kienet parkeggjata f'post bil-linji bojod sabet ruhha fuq il-linji bojod taz-zebra jirrizulta ampjament mix-xhieda tal-wardens 099 Mario Galea u warden 053 Miriam Aquilina. Meta dawn tkellmu mal-persuni li caqilqu l-karozza ammettew li kienu caqilquha.**

**4. Il-konvenut Bartolomeo Micallef xehed illi fil-post hdejn fejn kienet parkeggjata l-attrici fil-kaxxa l-bajda kellu l-haddiema peress illi kienu qeghdin jahdmu hemm. Hu jghid illi kellu *cones* u li sab il-vettura ta' l-attrici parkeggjata. Peress li riedu jahdmu mbuttawha, iggekkjawha minn wara. L-isstes konvenut spjega illi meta l-wardens taw ticket lill-attrici talli din instabet parkeggjata fuq iz-zebra u wara**

**li nterveniet Doris Formosa biex tispjega lill-wardens li l-attrici ma kellha l-ebda tort, hu kien hallas it-ticket. Ma hemmx dubbju dwar il-fatt illi l-post gie okkupat minn materjal tal-konvenut kif jirrizulta ampjament mir-ritratti Dok MP 7 sa Dok MP 10.**

**5. Ma hemmx dubbju illi l-agir abusiv tal-konvenut li ddecieda li jiehu l-ligi f'idejh biex jispostja karozza li kienet parkeggjata kif suppost, hu l-konsegwenti trattament delikat li jidher li nghata lill-vettura ta' l-attrici bl-ispustjar u ggekkjar li sar fuqha, ma jhalli ebda dubbju fil-fehma tat-Tribunal illi d-danni li garbet din il-vettura graw proprju mill-agir tal-konvenut.**

**6. Dawna d-danni huma evidenzjati fid-Dok MP 1 sad-Dok MP 6 u d-Dok MP 11 u MP 12, kif ukoll mid-Dok LS u mix-xhieda ta' Louis Sajeba surveyor li kkonferma l-istess dokument LS. Dawna d-danni jammontaw ghall-ammont mitlub fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi ghal hsarat fil-vettura ta' l-attrici kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma mitejn tmienja u erbghin lira Maltija u sitta u tmenin centemzu (Lm248.86).**

**L-ispejjez kollha ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 20 ta' Settembru, 2003 ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------